**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Simone Grech LL.D**

**Distrett Hal Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mohamed Sef Alden Dag**

**Illum, 29 ta' Jannar 2021**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Mohamed Sef Alden Dag bil-karta tal-identità numru 19664A, li permezz taghhom gie akkuzat li:

*" ... fil-31/08/2020 ghal habta ta' 13.00hrs gewwa Hal Qormi*

1) *Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b' mod iehor lil Zarifa Dag;*
2) *Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li taghmel xi reat.*
3) *Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.*
4) *Inqast li tosserva jew ksirt xi wahda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqek b' Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni nharget b' sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, preseduta mill-Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D, datata 18/06/2019, fejn il-Qorti kienet ipprovdiet ghas-sigurta' ta' Zarifa Dag ghal perjodu ta' (sas-sentenza) u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Zarifa Dag skont l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali."*

Rat id-dokumenti kollha;

Semghet il-provi;

Semghet sottomissjonijiet finali;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Dan il-kaz jirrigwarda rapport li bint l-imputat ghamlet mal-Pulizija in vista ta' incident fejn allegatament waqt telefonata li ghamlet lil ommha, kellimha l-imputat u beda jinsulentha u jghajjarha, bil-konsegwenza li bint l-imputat, qattghet il-linja u ghamlet ir-rapport relattiv mal-Pulizija.

Dwar l-**ewwel imputazzjoni**, din tirrizulta li giet ippruvata lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Din tirrigwarda l-kontravenzjoni elenkata fl-Artikolu 339(1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi li hija kontravenzjoni kontra l-persuna li persuna tagħmel lil haddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Lulju 1995, fl-ismijiet, Pulizija vs Joseph Frendo, spjegat hekk dwar l-Artikolu 339(1) (e ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)( e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna ohra hsara ingusta fil-futur (hsara li pero' ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band' ohra fil-Kodici, e.z. l-artikolu 249) liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess agent."*

Madanakollu, din il-Qorti nnotat li din l-akkuza tirrisli ghall-31 ta' Awwissu 2020. L-ewwel dehra quddiemha sehhet proprju nhar fit-22 ta' Jannar 2021. Jidher li t-tahrika tal-kawza hija ttimbrata bid-data tal-24 ta' Settembru 2020, izda l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li tali tahrika giet notifikata lill-imputat qabel id-dekors tat-tliet xhur, li skont l-Artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa t-terminu li fih l-azzjoni kriminali taqa' fir-rigward ta' kontravenzjonijiet.

Dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, issir referenza ghall-Artikolu 693(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad li :

> *"693. (1) Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att talprocediment li jigi innotifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat".*

Illi l-istitut tal-preskrizzjoni ta' reati jew kontravenzjonijiet fil-ligi Maltija jibda jiddekorri skont il-provedimenti tal-Artikolu 691 tal-Kap. 9, li jistipola li:

> *"691. (1) Ghar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni…".*

Dan l-istess perjodu jigi miksur ai termini tal-Artikolu 693 jew sospiz, ai termini tal-Artikolu 691(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 693 tal-Kap. 9 jistabilixxi illi z-zmien tal-preskrizzjoni, jinkiser "*b'kull att li jigi notifikat lill-imputat*". B'dan illi jekk jigi provat illi l-imputat gie notifikat fil-perjodu preskrittiv, l-azzjoni ma tistax titqies illi hija estinta.

Il-fatt li mbaghad l-imputat jidher quddiem il-Qorti, bl-ebda mod ma jista' jigi interpretat bhala li rrinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghax skont l-Artikolu 694 tal-Kodici Kriminali, l-imputat ma jistax jirrinunzja ghaliha.

Skont l-Artikolu 687 sub-inciz (2) tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

> *"(2) Iż-żmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil- proċedimenti li jkunu inbdew bhala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."*

Il-Qorti tqies li l-preskrizzjoni ghandha tigi applikata mill-Qorti ex ufficio. Il-Qorti tqis li din l-akkuza tirrigwarda avvenimenti li allegatament sehhew fil-31 ta' Awwissu 2020. It-tahrka tal-kawza tal-Pulzija hija ttimbrata l-24 ta' Settembru 2020, izda l-Prosekuzzjoni naqqset li tressaq prova tal-ewwel riferta tal-imputat sabiex jigi stabbilit meta dan gie notifikat b'din it-tahrika ta' kawza tal-Pulizija. Tqis li fin-nuqqas ta' riferti fl-atti li setgħu jindikaw id-data meta l-imputat ġie notifikat, din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-ewwel data li fiha deher l-imputat quddiem il-Qorti in konnessjoni ma' dan il-kaz. Dan sehh fit-22 ta Jannar 2021, u ghalhekk, din l-imputazzjoni hija preskritta. Il-Qorti issib sostenn ghal dak li qed tikkonsidra f'dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Malcolm Said, deciza fil-25 ta' Lulju, 2019, fejn intqal:

> *"L-artikolu 694 tal-Kap 9 filfatt jiddisponi illi 'Il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti ex ufficio, u l-imputat jew l-akkużat ma jistax jirrinunzja għaliha.'*
>
> *8. Għalhekk m'hemm ebda bżonn li l-preskrizzjoni titqajjem mill-imputat, jew kif jargumenta l-Avukat Generali, la darba ma tqajmitx mid-difiza kif komposta allura zgur li ma kienx hemm l-elementi tal-preskrizzjoni. Jekk il-Qorti, hija u teżamina lproċess tasal għall-konklużjoni li l-każ*

*huwa preskritt, il-Qorti hija marbuta bil-liġi li tiddikjara l-każ preskritt. Lanqas ma hija aċċettabbli s-sottomissjoni għaliex il-każ ċitat mill-Ewwel Qorti u dan il-każ ma mxewx l-istess. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet qed tapplika prinċipju dwar dover li jitnissel direttament mil-liġi – prinċipju li lanqas ma jista' jirrinunzja għalih l-imputat jew lakkużat. U lanqas kienet il-funzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li tikkonstata jekk il-każ kienx preskritt jew le għaliex il-Qorti Kostituzzjonali u dik tal-Prim'Awla qabilha kienu aditi bi kwistjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-Bniedem taħt il-Kap IV tal-Kostituzzjoni u taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-determinazzjoni tal-preskrizzjoni taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati jew fil-Qorti Kriminali jew fil-Qrati li jisimgħu appelli minn dawn il-Qrati;*

*9. Isegwi ghalhekk li jkun ezaminat dak li wassal lill-ewwel Qorti ghad-decizzjoni taghha u opportunement qed tkun riprodotta il-parti relattiva tas-sentenza:*

*' Qabel xejn, il-Qorti tirrileva illi l-imputazzjoni odjerna tirreferi għax-xahar ta' Awwissu 2008 u x-xhur ta' qabel. Jirriżulta mill-atti illi c-charge sheet odjerna ġiet esebita [recte: prezentata] firRegistru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Lulju 2013. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-16 ta' Settembru 2013, f'liema seduta madankollu ma deher ħadd. Is-seduta sussegwenti tal-5 ta' Novembru 2013 giet differita stante illi l-Qorti kienet indisposta u l-imputat deher għall-ewwel darba fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2014, meta bdiet tinstema' l-kawża. Il-Prosekuzzjoni, fl-ebda stadju ma esebiet l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, fejn f'dak il-każ, l-appellant kien eċċepixxa b'suċċess il-preskrizzjoni, fin-nuqqas ta' riferti fl-atti li setgħu jindikaw id-data meta l-imputat ġie notifikat, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ewwel data li fiha kien deher l-appellant quddiem il-Qorti in konnessjoni ma' dak il-każ. Fir-rigward tal-ewwel dehra tiegħu, il-Qorti qieset illi "quindi l-unika data illi l-Qorti tista' torbot għall- fini ta' notifika hija din is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011 fejn bil-preżenza tiegħu lappellant kien qiegħed jikkonferma -tali notifika u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. F'din id-data t-terminu ta' tliet xhur laħaq skada u quindi l-azzjoni kienet tinsab preskritta u l-Qorti ma setghetx*

*tkompli bil-kawża." F'dan il-kaz, bħal każ ċitat, fin-nuqqas ta' riferti li juru meta kien ġie notifikat għall-ewwel darba l-imputat odjern, l-unika data li l-Qorti tista' torbot magħha, għal fini ta' notifika, hija l-ewwel seduta li fiha deher l-imputat odjern, ossia dik tal-24 ta' Jannar 2014, fejn allura bħal fil-każ ċitat, l-imputat kien qieghed jikkonferma n-notifika tiegħu u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. L-imputazzjoni odjerna hija preskrivibbli b'terminu ta' ħames snin skont l-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għalhekk la darba din tirreferi għal Awwissu 2008 u x-xhur ta' qabel din id-data, fl-24 ta' Jannar 2014, l-azzjoni kienet preskritta.' kienet xorta wahda korretta u ghalhekk tichad l-appell talAvukat Generali;Din il-Qorti tirrileva li fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019 ġiet eżebita riferta mil-liema dokument jirriżulta li din tqassmet fis-6 ta' April 2016. Il-kwistjoni mertu ta' din il-kawża allegatament seħħet fl-1 ta' Ottubru 2015 u ghalhekk ir-riferta tqassmet fi żmien preċedenti għat-trapass taż-żmien preskrittiv stipulat skont il-liġi ghal dawk l-imputazzjonijiet li mhumiex ta' natura kontravvenzjonali. Dan ovvjament ma jgħoddx għal dawk l-imputazzjonijiet li huma ta' natura kontravvenzjonali, liema imputazzjonijiet konsegwentement huma estinti bit-trapass ta' tlett xhur terminu preskrittiv."*

Dwar it-**tieni** u t-**tielet** imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

*"49.Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –*
*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew .....*
*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,*
*ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħineuro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa usittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jumli matulu jkompli r-reat;*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissnajew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jewapparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jewinġurja skont l-*

*Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtulok għal reat taħt dan l-Att."*

Dwar dan l-artikolu, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, deciza fid-9 ta'April, 2019, fl-ismijiet Il-Pulizija(Spettur Spiridione Zammit)-vs-Nadine Farrugia, fejn intqal is-segwenti:

> *"Illi l-imputata qed tigi akkuzata talli permezz ta' Facebook kitbet kliem indirizzat lejn il-parte leza Melanie Cassar u membri ta' familtha; Illi l-kliem li allegatament intqal mill-imputata kien "Hope they will shut your place down sooner rather than later. You will be punished for your act of murder. Hope karma gets you good".*
>
> *......bl-emendi introdotti bl-Att XI tal-2018,li dahal fis-sehh fl-14 ta' Mejju, 2018, ferm qabel ma ntbghat ir-request lil Facebook, gie introddot proviso gdid ghall-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid:*
>
> *Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparatu li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.*
>
> *Fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 399 insibu li -"apparat" tfisser kull tagħmir jew makkinarju, ikunu kif ikunu deskritti;"network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser sistemi ta' trasmissjoniu, fejn dan japplika, tagħmir ta' switching jew routing u riżorsi oħra, inklużi elementi ta' network li m'humiex attivi, li jippermettu l-ġarr ta' sinjali bil-fil, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħra, inklużi networks satellitari, fissi (circuit-switched u packet-switched, inkluż l-Internet) u networks terrestri mobbli, sistemi ta' elettriku bil-cable, sal-limitu li dawn jiġu użati bil-għan li jittrasmettusinjali, networks użati għal xandir bir-radju u televiżjoni, u networks ta' televiżjoni bil-cable, irrispettivament mit-tip ta' informazzjoni mwassla;*

*Illi skond l-artikolu 2 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta:"inġurja" tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm; "libell" tfisser malafama permezz ta' pubblikazzjoni; ....."malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u linġurja; "midja" tinkludi kull forma ta' tixrid ta' ideat, inform azzjoni, jew opinjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku, lill-pubbliku inġenerali jew lil sezzjoni tal-pubbliku, li tkun taħt il-kontroll editorjali ta' editur;"midja miktuba" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti;..."pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għallgħarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati;*

*Illi tenut kont li l-kliem li allegatament intqal sar permezz ta' Facebook, li jikkostitiwxxi network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, sakemm il-kliem jibqghu ta' natura malafamanti biss, tali kliem ma ghadhomx jitqiesu li jammontaw ghall-reat u kull azzjoni kellha tkun wahda purament ta' natura civili li kellha tittiehed ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Ghaldaqstant minkejja li l-ewwel imputazzjoni giet rtirata mill-prosekuzzjoni, galadarba il-kliem kien ppublikat fuq Facebook dan ma baqax jinkwadra taht ir-reat kontravvenzjonali ravvizat bl-artikolu 339(1)(e). Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija vs Lee Borg:*

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna –imqar terza persuna wahda –ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqasil-gieh tal-persuna ingurjata*

*("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethomit-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoniskond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.Mhemmx dubbju li malli il-kliem malafamanti gie kommunikat lill-terzi, kif gara' malli gie pubblikat fuq Facebook, ir-reat ma baqax wiehed ta' natura kontravvenzjonali.*

*Illi sabiex kliem jitqies li hu "theddid"issir riferenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Francis Frendo, fejn il-Qorti nterpretat il-kelma theddida bhala biza t'aggressjoni futura:*

*B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Frendo, l-appellant josserva li l-prospett ta' hsara ghandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tghid lil xi hadd li ser tikkommetti fuqu xi aggressjoni fizika, jehtieg illi dan ix-xi hadd huwa konvint illi min qallu dak id-diskors ghandu l-kapacita` u l-propensita` li jasal......F'sentenza ohra Il-Pulizija vs Mario Camilleri gie deciz:*

*Skond il-gurisprudenza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Frendo'it-theddid ifisser li agent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara ingusta.'Il-Qorti hisoddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ......u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmiCasa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur(ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodici , e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent.'*

*F'sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti iżda diversament preseduta ntqal hekk:*

*'Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali.' (L-Imħallef Dr.W.Harding 'Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar.' 25 ta' Gunju 1952.*

*Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. (Ara: Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949).*

*Min-naħa l-oħra l-Antoliseijgħid dan li gej dwar il-minaccja:' e' sufficiente che la minaccia sia tale da tu rbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel ca so che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace..'Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale –Parte Speciale' (Milano Giuffre).*

*Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet:*

*Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta –bil-kliem, gesti jew b'mod iehor –xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "...e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'".*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Salvatore La Rocca, deciza fis-7 ta' Frar 2019, minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fejn intqal :

*"L-element essenzjali ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 49(a) tal-Kap. 399 huwa li jkun sar theddid li se jsir xi reat u dan bl-uzu ta' network jew apparat elettroniku. Minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile u anke mill-provi prodotti, minn imkien ma rrizulta li limputat hedded li se jsir xi reat. Infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-parte civile tghid li: "Jigi sottomess li ghalkemm dan il-kaz jitratta dwar ingurji u theddid li allegatament sehhew permezz tal-informatika u cioe` tramite e-mails u messagi bl-sms fuq telefon cellulari." Il-parte civile dejjem qed taghmel riferenza ghal theddid u ingurji diretti fil-konfront tal-persuna taghha. Il-parte civile tindika li kien sar wkoll diskors fis-sens li l-imputat kien sejjer jaghmel u effettivament ghamel xi rapporti ma' xi awtoritajiet kompetenti (bhal tal-VAT, Jobsplus ecc). B'daqshekk pero` tali rapporti kif gia` inghad ma jammontawx ghal xi theddida li kien sejjer jitwettaq xi reat.*

*Dan apparti l-fatt li baqghu ma ingabux provi mil-liema numru u mil-liema IP address kienu intbaghtu l-emails u l-smses in kwistjoni u lprosekuzzjoni sejset il-kaz taghha biss fuq id-dikjarazzjonijiet tal-parte civile meta hija kienet marbuta li iggib l-ahjar prova.*

*...L-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 imbaghad jirreferi ghal uzu mhux xieraq tal-apparat elettroniku. Kif gia` kellha l-opportunita din il-Qorti li tikkummenta fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Francine Cini "uzu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa taxxemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratt theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti."*

*It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' hsara ingusta. Kif gia` sottolineat aktar qabel b'rabta mat-tieni akkuza, dan ma rrizultax.*

*Sahansitra anke li kieku kellu jitqies li l-kliem li seta' intuza mill-imputat kien wiehed malafamanti, xorta bl-applikazzjoni tal-proviso li iddahhal bl-Att XI tal-2018, ma jkun jezisti l-ebda reat taht l-artikolu 49 tal-Kap. 399: "Iżda*

*sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."*

*Lanqas ghalhekk ma tista' tirrizulta htija taht dan l-artikolu."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Bernard C .Spiteri) vs Francine Cini, deciza fis-26 ta' April 2019, gie deciz hekk dwar dan l-artikolu fid-dawl tal-emendi introdotti bl-Att XI tal-2018:

*"..fi kwalunkwe kaz, hemm ukoll il-kwistjoni ta' natura legali naxxenti mill-emendi konsegwenzjali bl-introduzzjoni tal-fuq imsemmi Att XI tal-2018. L-artikolu 32 ta' dan l-att zied is-segwenti proviso fl-ahhar tal-artikolu 49 talKapitolu 399:*

*"Izda semplici kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippublikati fuq newtork ta' komunikazzjoni elettronici jew appart u li jkunu jistghu jaghtu lok ghal azzjoni ghal malafama jew ingurja skond l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'ghandhomx jaghtu lok ghal reat taht dan l-Att"*

*11. B'dan il-proviso il-malafama m'ghadiex tikkostitwixxi reat u l-istess proviso dahal fis-sehh minghajr rizervi dwar azzjonijiet kriminali pendenti ghajr ghal-dawk maghmulha taht il-Ligi tal-Istampa kif hemm provdut. Issa, apparti il-kunsiderazzjonijiet maghmula dwar l-ewwel imputazzjoni ghar-rigward tal-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali li jghoddu ukoll ghal kwistjoni in dizamina, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009 fil-każ 'Scoppola v Italy (No.2) (Grand Chamber) tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-Qorti rriteniet hekk:*

*'106. The Court therefore concludes that since the X v Germany decision a consensus has gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the*

*offence, has become a fundamental principle of criminal law.....*

*107. Moreover it observes that in prohibiting the imposition of 'a heavier penalty.....than the one that was applicable at the time of the criminal offence , paragraph 1 in fine of Article 7 does not exclude granting the accused the benefit of a more lenient sentence, prescribed by legislation subsequent to the offence.'*

*12. Igifieri, anke mill-aspett ta' piena, la darba l-fatti allegati m'ghadhomx jikkostitwixxu reat u huma soggetti ghall-proceduri civili li certament l-ezitu taghhom ma jistghax ikun ta' natura penali, isegwi li ma tistax aktar tinsab htija f'dan il-fatti anke jekk, gratia argomenti, l-malafama per se hija prosegwibbli taht is-subartikolu 49(b).....*

*.....il-proviso introdott bl-Att XI tal-2018 japplika ghall-artikolu 49 fl-intier tieghu igifieri ghat-tlett subartikoli kompriz, allura, is-subartikolu (c) tal-artikolu 49. Ghalhekk din il-Qorti, ghal-istess konsiderazzjonijiet maghmula supra kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni ma tistax tikkonferma s-sejbien ta' htija dwar fatt li m'ghadux jikkostitwixxi reat."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Mark Camilleri, deciza fit-28 ta' Marzu, 2019, fejn intqal:

*"...din il-Qorti sejra tikkunsidra it-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant taht -artikolu 49 ( c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz ta-Att XI.2018.32 u cioe li ghamel uzu mhux xieraq minn sistema jew apparat tal –komunikazzjoni eletronici billi immalafama lill-Mario Calleja .*

*Dan l-artikolu llum il-gurnata jaqra:*

*'Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat;*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

*Dan il-kaz jittratta dwar kummenti li saru minn Mark Camilleri fuq il-blog tal-gurnalist Victor Vella fir-rigward tal-artikolu bl-isem "Is-Sindku ta' Marsakala, tal-PN ilhom ma jesqu 'l hawn' li kien gie pubblikat fuq il-gurnal l-Orizzont ta' nhar id-9 ta Mejju, 2014. Din il-Qorti tqis din dan il-kumment bhala tali jaqa' taht il-proviso mizjud permezz tal-Att Att XI.2018.32. Jirrizulta li l-kliem uzat huwa 'kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat' u ghalhekk jirrizulta li jistgha jaghti lok ghal-azzjoni ghal-malafama jew ingurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Dan huwa kaz fejn l-appellant ippublika xi kliem malafamanti fuq xi sit socjali on line u allura fejn il-pubbliku jew uhud mil-pubbliku kellu access ghalih.*

*Din il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ukoll ghal posts ohra li jinsabu fuq il-blog kif rapportati fid-dokument esebit fl-atti markat bhala dok RSA 2 a fol. 10 et seq fejn jirrizulta li hemm diversi malafami ohra bhal 'min gie elett mhux kapaci jamminsitra,....sindku bazi....min mhux tajjeb biex jamminsitra u qed igib il-voti bilil jidhaq bin-*

*nies ghandu jmur id dar u jibda jfitte xoghol....empty vessels make most sound, u kif stqarr Mario Calleja stess fix-xhieda li hwua ta quddiem din il-Qorti diversament preseduta huma kollha kummenti malafamanti u ingurjuzi fil-konfront tieghu .*

*Ghalhekk jirrizulta li l-emendi li saru fuq l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fil-mori tal-appell permezz tal-Att XI.2018.32 huma tali li fit-termini tal-proviso ta' dan l-artikoli m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

*Ghaldaqstant l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-emenda li saret fil-mori tal-appell m'ghadux applikabbli.*

*...Kif ikkunsidrat dwar l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Francine Cini' (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Lulju, 2017)*

*'Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal- 2007.*

*Illi ma hemmx dubju illi l-imputat intenzjonalment uza s-soccial media sabiex jaghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi tella posts bi kliem ingurjuz dwar il-parti leza.*

*Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007' ntqal:*

*"DR PETER GRECH: Bħalissa fil-ligi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief sub paragrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jigifieri li wieħed juza apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorci flus, igiegħel lil ħaddieħor jagħmel*

*xi ħaga illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.*

*DR PETER GRECH: Issa li gara huwa nqalgħet diffikulta' fil- qorti dwar xi tfisser improper use. Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone uzajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk uzajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bzonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niccaraw x'ifisser improper use. Tħalliet il-klawsola generali "or makes any other improper use thereof" imma gie izjed specifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jigi projbit, li tuza apparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija." (enfasi tal-Qorti)*

*Minn dan johrog illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "uzu iehor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il- kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti.*

*Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "uzu iehor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrafu propost ma nghatax il-barka mil-Legislatur u gie eliminat: "(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*

*Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghall-intepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:*

*'Uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid.'*

*Dik il-Qorti fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ohra, ikkunsidrat li:*

*'Illi l-imputat, fl-ewwel lok jidher illi l-akkuzi addebitati lilu huma dik ravvizata is-sub-inciz (c) tal-artikolu 49 li allura jipprospetta l-uzu mhux xieraq li jsir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni. Billi jirrizulta minn qari tal-email eebiti illi huwa tellgha posts fuq il blog*

*ta Victor Borg bi kliem ingurjuz u lillkwerelant b'dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Vs Lee Borg' il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:*

*'Jilment ukoll l-appellanti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li dwarha instab hati illi huwa qatt ma uza kliem ta' theddid fl-email mibghuta u allura kellu jigi illiberat. Illi l-appellanti ma ghandux ragun ghaliex fl-ewwel lok jidher illi it-tieni akkuza addebitata lilu hija dik ravvizata fis-sub-inciz (a)(b)u (c) ta'-artikolu 49 li allura jipprospetta tlett sitwazzjonijiet differenti u mhux biss it-theddid tar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inciz (a). Illi allura dan ir-reat jikkontempla ukoll l-uzu mhux xieraq li isir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni u dan fis-subiniciz (c) tieghu, ghalkemm l-Ewwel Qorti ma tindikax taht liema sub-inciz qed tinstab il-htija. Billi l-appellanti ex admissis jistqarr illi huwa bghat email bi kliem ingurjuz lill- kwerelanti b'dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza, allura dan l-aggravvju ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Martin Sammut vs Dr. Alfred Grech' gie kkunsidrat li:*

*'L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-uzu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-ligi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil- paragrafu (c ) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu*

*bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c ) msemmi in kwantu huma messaggi li tal-anqas idejjqu,jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (c ) msemmi.'*

*...Din il-Qorti hija tal-fehma li bil-frazijiet fuq indikati bejn l-appellant u terzi hi tali li tikkostitwixxi uzu mhux xieraq. M' hemmx dubbju li l-intensjoni tal-appellant kienet wahda u cioe' li jghamel hsara lill-kwerelanti, billi jimmalafamah gewwa fora pubblika.*

*Huwa pertinenti li din il-Qorti tqis il-kuntest kollu tal-kliem li l-parti leza hassitha ingurjata bihom biex tiddeciedi jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta meta qieset dawn il-kliem bhala ingurjuzi. Dawn jinstabu f'kemm a fol 9 et seq. Din il-Qorti ssib li l-kliem kif fuq riportat fil-kuntest kollu li l-kliem intqalu bhala ingurjuzi u ghalhekk fil-kuntest tal-akkuza taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li l-appellant ghamel uzu iehor mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika pero stante li l-kliem huma malafamanti u ghalhekk proceduri jsitghu jittiehdu skond l-Att dwar il-media jidhol in ballo il-proviso ta dan l-artikolu 49 tal kap 399 tal-ligijiet ta Malta m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att u ghalhekk hawnhekk ukoll l-Qorti tasjteni mili tiehu konjizzjoni ta din it-tieni akkuza."*

Fid-dawl tal-gurisprudenza fuq riferita, din il-Qorti tqies li l-kliem li ntqal mill-imputat jammonta ghal kliem ingurjuz, u li b'hekk l-imputat ghamel uzu mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Fir-rigward ta' dan il-kliem, stante li huma malafamanti, il-proceduri jistghu jittiehdu skont l-Att dwar il-Media, u ghalhekk japplika l-proviso ta' dan l-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, fir-rigward ta' dan il-kliem, dawn ma jaghtux lok għal reat taħt dan l-Att. Il-Qorti ma rravizatx theddid, liema theddid ma jaqghux fl-ambitu tal-proviso ta' dan l-artikolu. In fatti, minkejja li fl-affidavit ta' PS 1085 intqal li l-allegata vittma semmiet li giet mhedda li ser joqtolha, quddiem din il-Qorti, l-allegata vittma sostniet li kien hemm insulti, izda ma kienx hemm theddid. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Dwar ir-**raba'** imputazzjoni, din il-Qorti qieset ix-xhieda moghtija minn Zarifa Dag u minn ommha, kif ukoll l-affidavit PS 1085. Il-Qorti qieset ukoll li l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja ta' Ordni ta' Protezzjoni li nharget fit-18 ta' Gunju 2019. Bil-gurament taghha, Zarifa Dag iddikjarat li l-proceduri kontra l-imputat in konnessjoni ma' din l-Ordni ta' Protezzjoni, ghadhom pendenti. Skont din l-Ordni ta' Protezzjoni ezebita bhala Dok ZD, Mohamed Sef Alden Dag bil-karta tal-identita' numru 19664(A), (liema numru tal-karta tal-identità tikkombaca mal-konnotati tal-imputat odjern), gie projbit, fost affarijiet ohra, milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Zarifa Dag. Id-difiza ma kkontestatx il-prova tal-identità, u lanqas ma kkontestat li din l-Ordni ta' Protezzjoni ghadha in vigore.

Din il-Qorti tqies li l-fatt li l-imputat tkellem ma' Zarifa Dag meta din cemplet lil ommha fuq il-mobile, jikkostitwixxi ksur ta' din il-kondizzjoni. Dana iktar u iktar, meta l-komunikazzjoni li saret, kienet wahda ingurjuza u insolenti fir-rigward ta' Zarifa Dag, tant li din, malli gharfet lehen missierha, qatghet il-linja tal-mobile biex b'hekk, itterminat it-telefonata. L-imputat kien jaf li huwa ma seta bl-ebda mod, jikkuntattja jew jimmolesta lil bintu. Il-fatt li kienet l-istess Zarifa Dag li cemplet lil ommha, bl-ebda mod ma jista' jkun ta' difiza lill-imputat. Irrizulta li kien hu li ghazel li meta martu kienet titkellem ma' bintha, ikellem lil bintu. Din il-Qorti ma gietx konvinta mix-xhieda ta' mart l-imputat, fis-sens li l-imputat tkellem ma' bintu b'mod normali, u ma nsulentha jew ingurjaha bl-ebda mod. Il-Qorti tqis li kienet il-Prosekuzzjoni tramite x-xhieda ta' Zarifa Dag, li kkonvincietha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat, waqt din it-telefonata, insulenta u ngurja lil bintu bi ksur flagranti tal-Ordni ta' Protezzjoni mahruga fit-18 ta' Gunju 2019.

Il-Qorti qieset l-argument tad-difiza, fis-sens li fix-xhieda taghha, Zarifa Dag, ma ftakritx id-data ta' meta sehh l-akkadut, u in fatti, fil-bidu tax-xhieda sostniet li kien il-ksieh u mbaghad iktar tard, qalet li ma tiftakarx. Qieset ukoll ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Kevin Pulis u mill-Ispettur Roderick Agius, li sostnew li waqt dik l-istess seduta tat-22 ta' Jannar 2021, l-imputat instema' jghid kliem, fis-sens li dakinhar li sehh dan l-incident, kienet is-shana. Madanakollu, fuq domandi maghmula minn din il-Qorti, Zarifa Dag ikkonfermat li ghalkemm kien hemm diversi incidenti simili li sehhew ma' missierha l-Imsida, kien incident wiehed biss li sehh f'Hal Qormi. Dan ghalhekk, huwa prova bizzejjed ghal din il-Qorti, li dan l-incident verament sehh fid-datai ndikata, iktar u iktar meta mart l-imputat u Zarifa Dag, ilkoll ikkonfermaw li sehhet din it-telefonata. Ghaldaqstant, din il-Qorti qed issib htija fir-rigward tar-raba' imputazzjoni.

**Decide**

Ghal ragunijiet hawn fuq esposti, u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 339(1) ( e), 383 u 412C (11) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 49(a) u (c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux qed issib lil Mohamed Sef Alden Dag hati tal-ewwel imputazzjoni, stante li din hija preskritta ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-

Ligijiet ta' Malta; mhux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, filwaqt li qed issib lil Mohamed Sef Alden Dag hati tar-raba' imputazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi, piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea, u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat Mohamed Sef Alden Dag taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess, u anness ma' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat Mohamed Sef Alden Dag, bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-Ordni ta' Probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation moghti b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation, biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Mohamed Sef Alden Dag.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Zarifa Dag ghall-perijodu ta' hames (5) snin mil-lum, skont id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

In oltre, b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali,, biex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna ta' Zarifa Dag, u kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, qieghdha torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' EUR 2,329.37c ghal zmien tnax-il xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem, il-portata ta' din l-ordni, u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Magistrat Dottor Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur